MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 684/2005

**James Zammit**

**Vs**

**Nicholas De Carlo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm122.20c (mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu) rapprezentanti hsarat li saru fl-*aluminium*, madum u hgiega ta’ parapett tal-fond Sliema Wanderers Supporters Club fi Triq Manuel Dimech, Sliema fl-incident stradali tas-17 t’April, 2003.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm122.20c (mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------